MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 800/2004

**Saviour Ellul**

**Vs**

**Francis Gera**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta April 2004, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma ta’ tliet mija hamsa u sebghin lira (Lm375) rapprezentanti valur ta danni sofferti fil-proprjeta tal-attur 17, Stella Maris Street, Sliema meta l-konvenut kien qed jesegwixxi xogholijiet fil-fond adjacenti 16 Stella Maris Street, Sliema.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-28 ta April 2004 eccepixxa (a) preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16; illi (b) ma gew ikkagunati ebda dannni u (c) il-kwantum mitlub huwa eccessiv oltre b’riserva tal-prezentata ta eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda u d-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi dina l-kawza tirrigwarda allegazzjoni ta hsarat sofferti fil-proprjeta ta l-attur waqt li l-konvenut kien ghaddej b'xogholijiet fil-fond adjacenti tieghu. Illi l-konvenut issolleva l-eccezzjonijiet preliminari tal-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna cioe dik ta sentejn u ghalhekk ikun opportun qabel xejn li t-Tribunal jikkunsidra tali fattur qabel ma jipprocedi oltre fuq il-meritu.

Illi l-attur fl-avviz tieghu ma jindika ebda zmien meta saru x-xogholijiet u meta suppost gew kkagonati l-allegati hsarat fil-proprjeta tieghu;
Illi pero mill-provi prodotti u korrispondenza skambjata nkluz rapporti peritali taz-zewg nahat, ghandu jirrizulta li l-konvenut beda bix-xogholijiet strutturali ghal habta tas-Sajf tas-sena 2001. Difatti l-istess attur ighid li nnota b'dawn ix-xogholijiet tal-konvenut f'Jannar tas-sena 2002. Mill-banda l-ohra Il-Perit Borg Costanzi mqabbad mill-konvenut hareg il-kont finali tal-istruttura f'Marzu 2002 (a fol 67). Anke r-rapport tal-Perit Mariello Spiteri, arkitett imqabbad mill-istess attur, kuntrarjament ghal dak li qed ighid l-attur innifsu, huwa datat Marzu 2002.

Illi mill-korrispondenza skambjata jirrizulta bla ebda dubbju li l-konvenut
dejjem ikkontesta l-pretenzjoni tal-attur partikolarment tramite r-rapport
peritali tieghu (Borg Costanzi) datat 24 ta Ottubru 2003 li ssibu esebit
diversi drabi f'dan il-process kif dal resto issib ukoll duplikazzjoni ta diversi
dokumenti ohra.

Illi jigi notat ghalhekk li filwaqt li l-allegati hsarat ma setghux gew ikkawzati

aktar tard minn Marzu 2002, l-avviz odjern gie ntavolat fil-15 ta April 2004,
cioe aktar minn sentejn wara u ma kien ebda cirkostanza, ammissjoni jew
xi att gudizzjarju provat li seta nterrompa d-dekors tal-perjodu preskrittiv.

Ghaldaqstant It-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut rigwardanti l-preskrizzjni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement ghalhekk qieghed jirrespingi t-talbiet attrici b'dana pero' li l-ispejjez ta din l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------